**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 5 TA' FRAR, 2002

**Numru: 15**

**Avviz Nru: 1442/01AE**

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta estera CGU Insurance plc hekk kif surrogati fid-drittijiet tal-assikurat taghhom Joseph Scicluna**

**vs**

**Dominic Bonnici.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi qeghdin jitolbu l-hlas tas-somma ta' tlett mija u tnejn u tmenin lira Maltija u tmienja u tletin centezmu (Lm382.38), danni kagunati f'incident awtomobilistiku li gara fil-21 ta' Jannar 2000 gewwa St. Anne Street, Floriana, bejn il-vettura bin-numru ta'

registrazzjoni DBB 214 misjuqa mill-konvenut u l-vettura bin-numru COS 100 misjuqa minn u propjeta ta' Joseph Scicluna, l-assikurat tas-socjeta attrici, liema incident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Ra r-risposta li giet prezentata mill-konvenut u li permezz taghha kkontesta r-responsabbilta ghall-incident.

Semgha x-xhieda li tressqu mill-partijiet.

Ra l-atti tal-kawza.

Semgha t-trattazzjoni ta' l-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

1. Il-meritu tal-kawza huwa incident tat-traffiku li sehh fil-21 ta' Jannar 2000 gewwa St. Anne Street, Floriana.

2. Mill-provi rrizulta li:

a. Il-vettura misjuqa mill-attur, tal-marka Audi u bin-numru COS 100, garrbet hsarat fil-bumper u fil-mudguard ta' quddiem (tax-xellug);

b. Il-kaz gie nvestigat mill-pulizija. P.S. 1444 Kenneth Brignano (seduta tas-16 ta' Jannar 2002), ikkonferma li huwa spezzjona l-vettura misjuqa mill-konvenut; *"fuq il-post stess jiena kont ghamilt inspection fuq il-vettura li kien qieghed isuq il-konvenut jigifieri DBD 214. Ma rrizultax hsara fuq din il-vettura. Nghid illi fuq din il-karrozza lanqas sinjali ta' zebgha ma kellha"*.

c. L-attur xehed: ***"Jiena l-incident ma rajtux isehh. Kull ma smajt kien daqqa kbira u rajt il-bumper ta' quddiem itir"***.

3. Huwa risaput li min jallega jrid jipprova. It-Tribunal irid jiddecidi ghab-bazi tal-principju *iuxta allegata et probata*, u dan skond it-talba attrici u l-eccezzjonijiet li jinghataw mill-konvenut. Kif tajjeb inghad fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Vincenti Rausi nomine vs Joseph Muscat** (Citaz. Nru: 64/91JSP) deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Ottubru 1992: *"The general rule is that the party who alleges any matter in issue must prove it..... In a civil case the pleadings must be looked at in order to settle the question. The plaintiff naturally in his statement of defence, makes the first allegations. If the defendant in his defence, pleads a traverse or denial of an allegation made by the plaintiff, that puts it in issue and leaves the burden of proof upon the plaintiff"*. F'din l-istess sentenza l-Qorti kompliet tispjega: *"Fejn l-assjem ta'*

*provi hu tali li l-verzjonijiet tal-kontendenti huma hekk bilancjati, li kull wahda tista' tirrizulta plawsibbli u veritjiera u ma tirrizultax dik ic-cirkostanza determinanti li tissoda l-konvinciment tal-Qorti favur tezi u mhux l-ohra,* ***ma jibqx lecitu ghall-gudikant li jifforma opinjoni motivata fuq preponderanza ta' probabiltajiet. Jehtieglu jasal biss ghall-konkluzjoni li l-attur ma jkunx sodisfacentement u konkludentement ipprova t-talbiet tieghu – actore non probante, reus absolvitur****".*

4. Il-kaz odjern huwa wiehed minn dawk il-kazijiet fejn it-Tribunal ma jistax ikun morlament konvint li l-konvenut ghandu xi responsabbilta ghall-incident in kwistjoni. Il-fatt li l-konvenut waqaf wara li semgha hoss qawwi, ma jfissirx b'daqshekk li t-Tribunal jista' jimputa xi htija fuqu. Min-naha l-ohra huwa ferm rilevanti l-fatt li l-vettura tal-konvenut ma kellhiex girfa, filwaqt li dik ta' l-attur spiccat bil-bumper ta' quddiem imtajjar u hsara fuq il-mudguard. Fil-fehma tat-Tribunal li kieku l-verzjoni moghtija mill-attur hija minnha, m'huwiex koncepibbli li l-hsarat li saru fuq il-vettura ta' l-attur ma jhallu l-ebda traccja fuq il-vettura tal-konvenut.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qieghed jichad it-talba ta’ l-atturi, bl-ispejjez (inkluzi drittijiet legali) kontra taghhom.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**